MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 67/2005

Marvic Paul u Sonia konjuġi Saliba
f'isimhom proprju u f'isem binthom
minuri Chanel sive Chanelle Saliba .

vs

Direttur Reġistru Pubbliku .

Il-Qorti ;

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi wara li ppremettew :

Illi binthom twieldet fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u l-att tat-twelid tagħha ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru progressiv mija u sittin tas-sena elfejn u ħamsa (160/2005)(Dok 'A') ;

Illi fl-istess att tat-twelied isem bint l-atturi ġie mniżżel bħala 'Chanel' u dan nonostante illi l-ġenituri tagħha riedu li isem binthom ikun 'Chanelle' .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u sittin tas-sena elfejn u ħamsa (160/2005) billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet mogħtija" l-isem 'Chanel' jiġi sostitwit bl-isem 'Chanelle' .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt .

Rat id-dikjarazjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Sonia Saliba .

Rat ukoll id-dokumenti esebiti maċ-ċitazzjoni, u ċioe' kopja taċ-ċertifikat tat-twelid numru mija u sittin tas-sena elfejn u ħamsa (160/2005) .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi ġġib id-data tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awissu 2005 .

Innutat illi l-istess konvenut baqa' kontumaċi .

Semgħet lill-attriċi tikkonferma seduta stante l-kontenut tad-dikjarazzjoni tagħha .

Il-Qorti għal hekk u peress li jidhrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikata, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talba attriċi u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u sittin tas-sena elfejn u ħamsa (160/2005), billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet mogħtija" l-isem 'Chanel' jiġi sostitwit bl-isem 'Chanelle' .

Minħabba n-natura tal-kawża, ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------